# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS

**Kawża Numru: 146/2012**

**Illum, 27 ta' Marzu 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Ruben Calleja**
**(ID 96679(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Ruben Calleja**, ta' 31 sena, iben Joseph u Irene nee` Hubbard, imwieled il-Pieta` nhar is-6 ta' Frar 1979, residenti 11, Triq il-Palma, Tarxien, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 96679(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fid-29 ta' Mejju 2011:

a) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4  u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-

liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuni ta' PC 279 K. Borg u PC 450 C. Bartolo, persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) Attakka jew għamel resistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku u cioe` kontra PC 279 K. Borg u PC 450 C. Bartolo, waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi, u dan bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli f'dawn il-Gżejjer fid-29 ta' Mejju 2011 u matul l-erba' snin (4) ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-Artikolu 8(A) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9, sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat ukoll illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Frar 2015, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti kif preseduta milli terġa' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi prodotti u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan il-każ, **l-Uffiċjal Prosekutur**, l-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Dennis Thuema xehed illi nhar id-29 ta' Mejju 2011, fost persuni oħrajn, ġie arrestat l-imputat odjern waqt party *Lovy Sexy* li kien qed isir ġewwa l-Armier u illi dan l-arrest ġie esegwit minn PC 450 u PC 279 wara li, minn dak li kien intqal lilu, l-imputat kien rema pakkett mal-art fil-waqt illi kien irreżista lill-pulizija msemmija.[1]

Da parti tiegħu, **PC 279 Kevin Gauci** jixhed illi fil-jum in kwistjoni, huwa kien xogħol waqt *party* bl-isem ta' *Love Sexy* ġewwa l-Armier, meta għall-ħabta tas-7.30 p.m., waqt li hu u PC 450 kienu qed iduru fil-*party*, lemħu żewġ ġuvintur li kellhom xi ħaġa suspettuża f'idejhom. Jgħid illi huma avviċinaw lil dawn iż-żewġ persuni u identifikaw ruħhom, fil-waqt illi huwa qabad id it-terza persuna. Stante illi bejn iż-żewġ uffiċjali tal-pulizija u l-imputat u t-terz kien hemm *barrier*, sakemm ix-xhud laħaq qabeż din il-*barrier*, it-terz rema pakkett fl-art u għalkemm huwa beda jipprova jfittxu, l-ieħor beda jitfgħalu r-ramel fuqu u għalhekk ma setax isibu. Fl-istess ħin, ix-xhud ra illi fil-waqt illi PC 450 beda jipprova jagħmel tfittxija fuq l-imputat, l-istess imputat beda jxejjer idejh u jimbotta lil PC 450 u għalhekk mar jgħinu, f'liema ħin il-persuna li huwa kien qiegħed iżomm ħarbet minn fuq il-post. Jgħid illi dak il-ħin, PC 450 qallu illi l-imputat ma kienx qed iħallih jagħmillu tfittxija. Da parti tiegħu, huwa identifika ruħu mal-imputat bħala pulizija ossia "*bl-ID card ... għal darba, tnejn, tlieta, bħala pulizija*"[2], iżda dan baqa' jgħidilhom li ma kienx qed jagħrafhom u li ma kienx qed jemminhom. Jgħid ukoll illi f'dan il-waqt l-imputat baqa' jimbuttahom u għalhekk avżawh li kien ser jiġi arrestat kemm il-darba ma kienx ser jippermettilhom illi jesegwixxu tfittxija fuq il-persuna tiegħu. Hekk kif reġgħu ppruvaw ifittxulu reġa' beda jimbuttahom u "*f'hin minnhom hareg, dahhal idu gol-but u rema' xi haga fejn il-kollega tieghi dak il-hin gabarha*".[3] Jgħid ukoll illi sabiex jarrestawh, kellhom jissaraw miegħu, tant illi spiċċaw ilkoll jissaraw fuq ir-ramel u xi uffiċjali tas-sigurta` tal-post tawhom l-għajnuna tagħhom sabiex l-imputat seta' jiġi finalment immanettjat. PC 279 jgħid ukoll illi dak li kien rema l-imputat kienet konsistenti f'borża tal-plastik

[1] Ara x-xhieda tal-Ispettur Theuma a fol. 12 sa 14 tal-proċess.
[2] A fol. 18 tal-proċess.
[3] A fol. 18 tal-proċess.

li kien fiha trab abjad u għaraf l-esebit Dok. DT1 bħala dak li kien fil-pussess tal-imputat. Jgħid illi huma ma sofrew ebda ġrieħi, iżda l-imputat kien irreżistihom ħafna, u cioe` għal xi għaxar minuti.[4]

In kontro-eżami, ix-xhud jikkonferma illi l-imputat flimkien ma' raġel ieħor mill-banda l-waħda u PC 450 u hu mill-banda l-oħra, kienu mifrudin b'*barrier* meta lemħu lill-imputat u lill-ieħor jaġixxu b'mod suspettuż, u fil-waqt li PC 450 żamm lill-imputat, huwa kien qiegħed iżomm lill-persuna l-oħra li kienet miegħu, b'dan illi lil dan ta' l-aħħar telaqlu jdejh meta ra li l-imputat kien qed ikun aggressiv ma' PC 450. Iżid jgħid illi l-imputat baqa' jinsisti li ma kienx minnu li kienu pulizija minkejja li kien ġie muri t-*tag* u li sabiex jikkontrollawh, ġialdarba ma riedx jikkopera, kellhom jużaw ftit tal-forza u hekk kif ħatfuh minn kull naħa spiċċaw jitqabdu mal-art u ġew ukoll assistiti minn uffiċjali tas-sigurta` tal-post.[5]

Da parti tiegħu, **PC 450 Christopher Bartolo** xehed illi fit-29 ta' Mejju 2011 kien qiegħed xogħol waqt party bl-isem *Love Sexy* ġewwa l-Armier meta għall-ħabta tas-7.30 p.m. lemaħ lill-imputat u xi raġel ieħor b'xi ħaġa f'idejhom, li f'għajnejhom dehret suspettuża. Jgħid illi minn wara l-*barrier*, huwa ħataf idejn l-imputat, fil-waqt illi l-kollega tiegħu, prova jaqbad id l-ieħor. Irnexxielhom jaqbżu l-*barriers*, iżda l-imputat mal-ewwel beda jirreżistih u "*ma riedx assolutament li nzommlu jdejh*"[6]. Beda jgħidilhom li ma kienx qed jagħrafhom u li ma kienx qed jemminhom u għalkemm kemm hu, kif ukoll PC 279 urewh l-identifikazzjoni tagħhom bħala pulizija, baqa' jgħid lil PC 279 li ma kienx qed jagħrfu. Jgħid ukoll illi PC 279 urieh il-*card* tiegħu xi tliet darbiet. Fil-frattemp stante illi PC 279 mar jgħinu, il-persuna l-oħra ħarbet. Jgħid ukoll illi PC 279 bil-fors kellu jmur jgħinu għaliex minkejja li baqgħu jgħidu lill-imputat biex imur magħhom fil-vann, dan "*akkost ta' kollox beda jirreżistina, beda jxejjer idejh*".[7] Jgħid in oltre illi f'ħin minnhom waqt li kien qed ixejjer idejh, l-imputat "*hareg xi haga mill-but, minn naha tar-right, remiha, dak il-hin gbartha jiena malajr minn gor-ramel, ghax jekk jghaffigielna mhux ha nsibuha gor-ramel, kif ukoll f'dik il-kommossjoni anke tajjar in-nuccjali tat-279 li kien fuq mohhu dak il-hin.*"[8] Dwar dan meta mistoqsi kemm kien għadda ħin wara li ra lill-imputat jarmi l-oġġett sakemm huwa stess ġabru, jgħid hekk: "*Mall-ewwel, kif appena rajtu, kienet ghadha f'idu xhin rajtu jitlaqa*"[9]

[4] Ara din ix-xhieda a fol. 17 sa 22 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 63 sa 70 tal-proċess.
[6] A fol. 23 tal-proċess.
[7] A fol. 23 tal-proċess.
[8] A fol. 24 tal-proċess.
[9] A fol. 26 tal-proċess.

u jerġa' jikkonferma li ġabarha mill-ewwel. Skont PC 450, kemm hu, kif ukoll PC 279 spiċċaw mal-art mal-imputat u ftit wara ġew mgħejjuna minn xi uffiċjali tas-sigurta` tal-post, f'liema ħin irnexxielhom jimmanettjaw lill-imputat. Jgħid illi b'kollox dan l-inċident dam għaddej xi għaxar minuti, li dak il-ħin kien għadu d-dawl, li ma kellhomx problemi biex jaraw sew u li dak il-ħin in vista tal-kommossjoni li nqalgħet, in-nies warbu u bħal għamlu ċirku tond mad-dawra tagħhom u għalhekk fil-viċinanzi mmedjati kien hemm biss hu, il-kollega tiegħu u l-imputat. Jgħid ukoll illi dak li kien intrema mill-imputat kien pakkett trasparenti b'xi trad abjad u għarfu bħala Dok. DT1.

In kontro-eżami, ix-xhud jinnega li l-kollega tiegħu PC 279 mar jiġri wara l-persuna l-oħra, għalkemm dan tal-aħħar telaq jiġri. Jiċħad illi huma aggredew lill-imputat u jsostni dwar dan "*Le, le zgur li le*"[10]. Jiċħad ukoll illi huwa temma l-identifikazzjoni tiegħu bħala pulizija għal darba tnejn ma' wiċċ l-imputat. Meta ġie suġġerit lix-xhud illi l-imputat ma kellux lanqas but wieħed, ix-xhud sostna "*Kellu but żgur*"[11] u jispeċifika "*quddiem fejn idahhal idejh normali kellu but zgur*"[12] u wara suġġeriment tal-avukat difensur illi l-qalziet li kien liebes l-imputat ma kellux bwiet tant illi la nstabitlu kartiera, la *mobile* u lanqas ċwievet jew flus, ix-xhud jerġa' jsostni "*Kellu zgur*"[13], għalkemm ma ftakarx x'tip ta' but kien ossia l-qatgħa tiegħu.[14]

**L-imputat** irrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar it-30 ta' Mejju 2011 wara li ngħatat lilu s-solita twissija skont il-liġi u wara wkoll illi ngħata d-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. In oltre huwa għażel ukoll illi jixhed f'dawn il-proċeduri.[15]

Fix-xhieda tiegħu, l-imputat jgħid illi huwa kien attenda dan il-*party* flimkien ma' sieħbu u t-tfajliet rispettivi tagħhom. Jgħid illi dak inhar huwa kien liebes qalziet *three quarters* mingħajr bwiet, *t-shirt*, sandli u kappell, u dan fil-waqt li kellu xi ħaġa tal-flus fil-kartiera li kienet għand it-tfajla tiegħu. Huwa jgħid illi kellhom b'kollox erba' biljetti, tnejn għaż-żona *VIP* u tnejn oħra normali u kienu ħasbu fi pjan sabiex lkoll jaċċedu fil-parti riservata għaż-żona *VIP*. Jgħid illi t-tfajliet kienu fil-fatt aċċedew f'din iż-żona, fil-waqt li hu u sieħbu kienu fuq in-naħa l-oħra tal-*barriers* li kienu jifirdu ż-żona *VIP* miż-żona ġenerali jistennew lit-tfajliet jiġu

[10] A fol. 54 tal-proċess.
[11] A fol. 58 tal-proċess.
[12] A fol. 58 tal-proċess.
[13] A fol. 59 tal-proċess.
[14] Ara din ix-xhieda a fol. 50 sa 61 tal-proċess.
[15] Ara din ix-xhieda a fol. 91 sa 110 tal-proċess.

min-naħa tal-*VIP* sabiex inewwlulhom il-biljetti biex ikunu jistgħu jidħlu hu u sieħbu f'dik iż-żona, meta f'daqqa u l-ħin ra tnejn min-nies jiġru, wieħed minn liema qabeż il-*barriers* u kważi qelbu, u l-ieħor qabeż warajh u li biex għamel dan, żamm miegħu. Jgħid li meta huwa għadda kumment fis-sens "*hejj mhux diga kwazi qelibni siehbek, x'inhu gej hawn?*" dan tal-aħħar qallu biex ma jindaħalx u mbuttah u wara qallu li kien pulizija u li kien qed jagħmel xogħolu, u dan filwaqt li jgħid ukoll li dan ta' l-aħħar kien ser jaqbad iżommlu idu fil-waqt li l-ewwel wieħed li qabeż kien warajh jikkustinja ma' xi ħadd li hu ma kienx jafu. Jgħid in oltre illi huwa qal lil dan "*eh iva pulizija, mela pulizija hekk go dawn il-postijiet, urini tag jew indentifika ruhek*". L-imputat ikompli jgħid illi l-ewwel wieħed li qabeż beda jsejjaħ lit-tieni wieħed sabiex imur jgħinu iżda dan ma riedx jitilqu. Jgħid illi huwa baqa' jwebbes rasu għax baqa' jgħidlu "*jekk inti pulizija, identifika ruhek*", fil-waqt illi l-ieħor beda jgħidlu biex ma jtawwalx ilsienu u baqa' jżommlu idu. Skont hu, imbagħad, dan ħareġ xi ħaġa mill-but u għamilhielu ma' wiċċu – fi kliemu "*habbatieli ma wicci*", għalkemm ma jafx x'kienet, u fi kliemu wkoll "*x'hin rajt hekk, qed izommli idi, habbatieli ma wicci, gejna fl-idejn.*" Jgħid ukoll li sakemm kienu qed jikkustinjaw, marru fuqu xi 3 jew 4 oħra u tefgħuh mal-art. Jgħid li b'wiċċu ġor-ramel rabtulu jdejh u weġġgħuh, tant illi fil-għaxija spiċċa l-isptar u wara, ħaduh fil-vann fejn pulizija ieħor talbu sabiex jagħmillu tfittxija, għal liema tfittxija huwa ma oġġezzjonax. Jgħid illi kull ma kellu f'idu kien bott żgħir *poppers* li kien xtara minn hemm stess u li baqa' jżomm f'idu, għalkemm kif baqa' jżommu ma jafx. Iżid jgħid li kienu saħansitra staqsewh kellux oġġezzjoni li jagħmlulu tfittxija fil-vettura u li qalilhom li ma kellux, anke jekk jgħid illi tfittxija fil-vettura mbagħad ma saritx. Lejn id-*depot* niżel ma' uffiċjali oħrajn u lanqas ma dawn ma kellu problemi, għax imxew miegħu ta' nies. Saritlu tfittxija oħra u reġgħu ma sabulu xejn. L-imputat imbagħad jispjega kif kellu uġiegħ f'idejh matul il-lejl waqt li kien fiċ-ċella, fuq talba tiegħu ħaduh l-isptar u tteħditlu *x-ray*, it-tabib bħal għall-ewwel kien ser jippreskrivilu kura, iżda wara skont hu, rah jitkellem mal-pulizija li wkoll skont il-verżjoni tiegħu, żammewh il-bogħod mit-tabib, it-tabib bħal darlu u għaffeġ il-karti u qallu li ma kellu xejn u li kien biżżejjed jekk jieħu l-*panadols*. L-għada fil-għodu sar l-interrogatorju tiegħu. Jgħid illi hawn kienet l-ewwel darba li ġie muri l-allegata droga u li huwa ċaħad li din kienet tiegħu. Jgħid ukoll illi meta ġie rilaxxjat ċempillu t-tabib li kien rah l-isptar u qallu li wara li kien reġa' ra l-*x-ray*, innota li kien hemm ksur u għalhekk huwa reġa' mar l-isptar u ngħata ċertifikat mill-istess tabib, fuq liema hemm indikat "*sustained trauma L elbow. X-ray – Minimally displaced fracture of the ulnar coronoid process*"[16], bin-natura tal-ġrieħi mmarkata bħala gravi.

[16] Ara ċ-ċertifikat a fol. 90 tal-proċess.

In kontro-eżami, l-imputat jgħid illi l-persuna l-oħra li twaqqfet u li ħarbet ma kienx jafha. Jerġa' jgħid illi l-qalziet li kien liebes ma kellux but u jinnega li rema l-pakkett. Jinnega dak suġġerit lilu illi huwa beda bħal jagħmel minn kollox biex jilgħabha li mhux qed jagħraf it-*tag* u dan minkejja li din ġiet murija lilu diversi drabi. Jgħid ukoll illi qabel l-interrogatorju tiegħu, huwa ġie mistoqsi jekk riedx jottjeni l-parir ta' avukat, iżda hu wieġeb li ma kienx jaf għalfejn kien qiegħed hemm, għaliex skont hu, il-borża ntweriet lilu għall-ewwel darba waqt l-interrogatorju tiegħu. Jgħid illi huwa ffirma karta li hu kien irrifjuta avukat għax l-affarijiet li kienu qegħdin jallegaw fil-konfront tiegħu, huwa ma kienx jafhom. Jgħid illi fl-ebda waqt ma ġibdulu l-attenzjoni għal din il-borża, ħlief waqt l-interrogatorju. Jgħid ukoll illi waqt li kien mal-art, rabtulu jdejh t-tnejn fuq wara bil-*cable ties*, qajjmuh u fil-waqt li kellu pulizija fuq naħa u ieħor fuq in-naħa l-oħra, żammewh minn idejh u mxew bih lejn il-vann. Mistoqsi mill-Qorti x'kellu f'idejh dak il-ħin, l-imputat jgħid illi kellu dak il-bott, u meta reġa' mistoqsi mill-Qorti "*u baqa f'idejk dan il-hin kollu anke wara li waqajt mal-art*", l-imputat wieġeb "*Nahseb ghax bqajt tiela bih gol-vann*". Il-Qorti reġgħet staqsiet "*Avolja idejk marbutin fuq wara?*" u l-imputat wieġeb "*Nimmagina, ghax ma kellix but*" u "*Iva ghax ma kellix but. L-unika haga li kelli f'idi baqghet f'idi*".[17]

Bħala xhud in difeża, xehed ukoll **Keith Pisani,** sieħeb l-imputat, li kien preżenti miegħu waqt il-*party* u s-sussegwenti taqtigħa li l-imputat kellu mal-pulizija. Jgħid illi huwa kien mar il-*party* flimkien mal-imputat, ma' Monique u Lara. Jikkonferma dak li jgħid l-imputat ossia dwar il-pjan li kellhom sabiex ikoll jidħlu fiż-żona *VIP* minkejja li kellhom biss żewġ biljetti għal din iż-żona. Jgħid ukoll illi x'ħin it-tfajliet waslu biex jagħtuhom iċ-ċpiepet li kienu użaw biex jidħlu fiż-żona *VIP*, qabżu żewġt irġiel minn fuq il-*barriers* min-naħa tal-*VIP* għaż-żona li kienu qegħdin fiha huma u l-ewwel wieħed laqat lill-imputat li rrimarka dwar dan. Sussegwentement anke it-tieni wieħed laqtu, din id-darba iżjed bil-goff, għal-liema l-imputat reġa' rrimarka, b'dan illi l-ieħor irrisponda li kien pulizija. Jgħid illi dawn ma kinux lebsin ta' pulizija. Jgħid ukoll illi l-imputat qallu "*pulizija hekk?*" u li l-ieħor baqa' jinsisti li kien pulizija u bdew jillatikaw. L-imputat talbu jurih li kien pulizija, fil-waqt illi l-ieħor ħareġ xi ħaġa minn ġol-but u tefagħha ma' wiċċ l-imputat. Jgħid illi huwa ma rax x'kienet din il-ħaġa, għaliex dan ħariġha ma' wiċċ l-imputat, imbagħad daħħalha mal-ewwel. Jgħid illi sadanittant ġie l-kollega tiegħu, bdew jimbuttaw lil xulxin u spiċċaw mal-art, apparti li ġew iżjed nies u kien hemm kommossjoni. Jgħid illi mbagħad ħarġu t-*tie clips* u rabtu lill-imputat bihom u kien f'dan il-waqt li nduna li huma pulizija. Jgħid ukoll illi mar warajhom u fil-waqt illi lill-imputat daħluh f'vann, huwa baqa' barra jistenna. Ix-xhud jgħid

[17] Ara a fol. 109 tal-proċess.

in oltre illi dakinhar l-imputat kien liebes flokk abjad, xorz abjad tal-*linen* mingħajr bwiet u kappell. Jgħid illi dakinhar ma ħadux droga magħhom u li lanqas l-imputat ma kellu droga. Jgħid ukoll illi l-*mobile* tal-imputat u l-kartiera kienu għand it-tfajla tal-istess imputat, Monique u li dan jafu għaliex qabel daħlu, l-imputat ta kollox lit-tfajla biex ma joqgħodx iżommhom f'idu.[18]

Xehdet ukoll in difeża, **Monique Borg** ossia t-tfajla tal-imputat, li tgħid li dak inhar hi u l-imputat kienu xtraw żewġ biljetti għaż-żona *VIP*, li hi u Lara kienu daħlu f'din iż-żona u wara li daħlu hemm, marru sabiex jgħaddu ċ-ċpiepet lill-imputat u lil Keith Pisani, meta x'ħin waslet ħdejn il-*barriers* li kienu jifirdu ż-żewġ żoni, xi ħadd avviċina lill-imputat wara li qabez il-*barriers*. Tgħid illi xi ħadd ġibdu minn wara waqt li hu kien qiegħed iħares lejha u dak il-ħin hija beżgħet għax ħasbet li nqabdu fir-rigward tal-fatt illi kienu ser jgħaddu ċ-ċpiepet tal-*VIP* lill-irġiel tagħhom. Għalhekk dak il-ħin hija telqet minn mal-*barrier* biex toħroġ mill-*VIP* u terġa' tmur ħdejn l-imputat fiż-żona l-oħra. Tgħid illi x'ħin waslu hemm, rat lill-imputat mal-art b'wiċċu fir-ramel. Ma kinitx taf li dawk li kienu qed iżommuh kienu pulizija għax kienu pajżana. Tgħid li rat xi żewġ persuni jżommuh, iżda ma kinitx taf x'ġara. Tgħid ukoll illi lill-imputat ħaduh f'vann, fil-waqt illi huma qagħdu jistennew barra. Wara ħadu lill-imputat f'karozza u lilha daħħluha fil-vann, ħadulha d-dettalji u talbuha l-affarijiet tal-imputat għaliex kienet qed iżżomhomlu. Tgħid illi huwa kien liebes qalziet u ma kellux but u għalhekk żammitlu l-kartiera u l-*mobile.*

In kontro-eżami, ix-xhud tgħid illi rat lil dawn iż-żewġ persuni juru xi ħaġa lill-imputat, iżda ma tafx x'kienet. Skont hi, rat lil dak li qabeż fuq l-imputat jagħmillu jdejh ma' wiċċu. Wara tgħid illi ma tafx jekk dan kellux xi ħaġa f'idejh. Tgħid ukoll illi hija ma semgħet l-ebda diskors bejniethom minħabba l-mużika u r-rassa.[19]

Xehed ukoll **Dr. Mark Anthony Attard Biancardi** dwar il-ġrieħi li kien sofra l-imputat u li huwa kien iċċertifika fit-30 ta' Mejju 2011 u spjega għaliex l-imputat reġa' ġie msejjaħ biex imur l-isptar l-għada, wara li kien attenda l-isptar fid-29 ta' Mejju 2011.

In oltre skont ir-relazzjoni tal-**Ispiżjar Mario Mifsud**, huwa ngħata dokument wieħed għall-analiżi tiegħu u ċioe` borża tal-plastik trasparenti li ġo fiha kien hemm *label* bil-kliem "Data 29-5-11, Hin 19.46, Elevat/i minn Floor inside venue, 1 plastic bag with white powder, Yellow plastic contain RAVE, Ruben Calleja,

[18] Ara din ix-xhieda a fol. 112 sa 122 tal-proċess.
[19] Ara din ix-xhieda a fol. 123 sa 133 tal-proċess.

minn PC 450, PC 274, PC 1099". F'din il-borża kien hemm trab ta' lewn *off-white*. Wara li analiżża dan id-dokument, l-istess espert ikkonkluda illi fit-trab ta' lewn *off-white*, f'ammont nett totali ta' 0.37 grammi, instabu fih is-sustanzi *creatine* u kokajina. Il-purita` tat-trab għas-sustanza kokaina kienet ta' ċirka 34.2%. Waqt illi s-sustanza *creatine* mhiex ikkontrollata bil-liġi, is-sustanza kokajina, li hija stimulant, hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fis-sottomissjonijiet tagħha, id-difiża ssostni illi l-istqarrija tal-imputat għandha tiġi skartata minn din il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha, u dan stante illi fiż-żmien meta din ġiet rilaxxjata minnu, l-imputat ma ngħatax id-dritt illi jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu. Effettivament, l-imputat irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-pulizija nhar it-30 ta' Mejju 2011 u dan wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. L-imputat ma ngħatax id-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu, stante illi dan id-dritt ma kienx viġenti fiż-żmien tal-każ odjern. Fil-fatt dan id-dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Dwar dan il-punt, il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment*

*ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali – f'dak il-każ, kuntrarjament għal dan il-każ, l-eżitu in kwantu l-piena u mhux in kwantu l-ħtija o meno tal-istess rikorrenti la darba huwa rreġistra ammissjoni fil-proċeduri – u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. F'dan il-każ, għalhekk, din il-Qorti jidhrilha illi iżjed u iżjed għandha tqis l-istqarrija tal-imputat odjern, li f'ċerti aspetti kienet ta' preġudizzju għalih u timpinġi direttament fuq is-sejbien ta' ħtija o meno tiegħu f'dawn il-proċeduri, bħala inammissibbli u għalhekk qegħda tiskartaha. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Claire Farrugia**</u>, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, liema dritt bħal fil-każ odjern hija għażlet li ma teżercitahx, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.

Iżjed riċenti mbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella**</u> tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet <u>**Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**</u>:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

Fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti ser tiskarta l-istqarrija tal-imputat odjern, kif ukoll kwalunkwe referenza għal tali stqarrija, bħala inammissibbli.

**Ikkunsidrat ukoll:**

**<u>L-Ewwel Imputazzjoni</u>**

Illi permezz tal-imputazzjoni (a), l-imputat qed jiġi akkużat bil-pussess sempliċi tad-droga kokaina. F'dan ir-rigward, il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti – min-naħa l-waħda dik tal-pulizija preżenti li jixhdu li raw lill-imputat jarmi borża tal-plastik bi trab abjad, li skont ir-relazzjoni tal-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud, jirriżulta illi kienet tikkontjeni droga kokaina u min-naħa l-oħra, dik tal-imputat li jgħid illi l-qalziet li kien liebes ma kellux bwiet u li għalhekk dak li jallegaw l-uffiċjali tal-pulizija fis-sens illi mill-but, huwa ħareġ u rema borża tal-plastik mid-droga ma jistax ikun minnu u jiċħad illi huwa rema din il-borża.

Il-Qorti kkunsidrat fit-tul kemm ix-xhieda mogħtija miż-żewġ uffiċjali tal-pulizija, kif ukoll ix-xhieda tal-istess imputat u tax-xhieda prodotti minnu in difeża u tqis illi l-verżjoni mogħtija mill-uffiċjali tal-pulizija hija waħda kredibbli u verosimili u illi l-Qorti m'għandha l-ebda raġuni tiddubita dak li kienu raw it-tnejn li huma b'għajnejhom stess. Mhux l-istess jista' jingħad in kwantu l-kredibilita` u l-verosimiljanza tal-verżjoni mogħtija mill-imputat. Jibda biex jingħad illi ż-żewġ uffiċjali tal-pulizija ossia PC 450 u PC 279 kienu ferm ċari u konsistenti fix-xhieda tagħhom in kwantu dak li kienu raw lill-imputat jagħmel ossia illi huwa ħareġ xi ħaġa mill-but, skont PC 450 min-naħa tal-lemin, u remiha u illi immedjatament, PC 450 ġabar dan l-oġġett mir-ramel, liema oġġett rriżulta li kien jikkonsisti f'borża tal-plastik bi trab abjad. PC 450 anke jgħid illi huwa ra dan l-oġġett x'ħin kien għadu f'id l-imputat b'mod li seta' jara wkoll lill-imputat jitlaq dan l-oġġett.

Il-Qorti tqis illi tant rah, illi fil-fatt ġabru mill-ewwel. Fid-dawl ta' din ix-xhieda ta' PC 450 u tal-fatt ukoll illi huwa ġabar dan l-oġġett ossia l-borża tal-plastik in kwistjoni immedjatament, il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għaliex tiddubita illi l-imputat kien rema din il-borża jew illi din il-borża kienet proprju dak l-oġġett li huwa kien għadu kif rema quddiem iż-żewġ uffiċjali tal-pulizija. Proprjament jassumi iżjed importanza l-fatt illi PC 450 ra dan l-oġġett f'idejn l-imputat u illi huwa ġabru mill-ewwel, milli minn fejn l-imputat ħareġ din il-borża qabel remiha. Imbagħad, il-Qorti tqis ukoll illi mix-xhieda jirriżulta illi għalkemm dan kollu seħħ għall-ħabta tas-7.15 p.m. jew is-7.30 p.m., kien għadu d-dawl u in oltre skont ix-xhieda ta' PC 450, għalkemm fil-*party* kien hemm ħafna nies, kif wieħed jistenna f'dawn l-avvenimenti, biss meta dawn raw il-kommossjoni li nqalgħet bejnhom u bejn l-imputat, dawn warrbu, bir-riżultat għalhekk illi ma kienx hemm xi rassa jew geġwiġija li forsi setgħet tellfet lill-uffiċjali tal-pulizija f'dak li kienu qed jaraw jew jagħmlu. Sa hawn il-Qorti diġa` m'għandhiex dubju illi l-imputat kien fil-pussess tad-droga kokaina fil-jum in kwistjoni. Biss il-Qorti qed tieħu in kunsiderazzjoni wkoll fatturi oħrajn li jwassluha għal din il-konklużjoni.

Fl-ewwel lok, il-Qorti ssib kważi assurd kif l-imputat baqa' jinsisti li ma kienx qed jagħraf jew jemmen liż-żewġ uffiċjali tal-pulizija illi dawn kienu fil-fatt pulizija għall-ħin pjuttost twil fiċ-ċirkostanzi u dan meta qalulu li kienu pulizija kemm il-darba u PC 279 saħansitra wrieh l-identifikazzjoni tiegħu ta' pulizija mhux darba iżda tliet darbiet. Il-Qorti tifhem illi għall-ewwel l-imputat forsi nħasad meta PC 450 qabadlu jdejh jew għamel tentattiv sabiex iżommlu jdejh u jista' jkun ukoll illi ma kellux biżżejjed ħin biex jagħraf x'kienet l-identifikazzjoni li wrieh l-istess PC 450 meta ġie mitlub minnu biex jagħmel dan, għalkemm wara kollox tqis ukoll li kien huwa stess li talab lil PC 450 biex jurih li kien tassew pulizija. Iżda mbagħad, wara li PC 279 qallu huwa wkoll li kienu pulizija u anke wrieh l-identifikazzjoni tiegħu iżjed minn darba, kien redikolu li l-imputat jibqa' jinsisti magħhom li ma kienx qed jagħrafhom jew li ma kienx qed jemminhom. Fil-fehma tal-Qorti dan ma kienx għajr tentattiv tal-imputat illi jtellef liż-żewġ uffiċjali milli jagħmlulu tfittxija, kif wara kollox kienu qed jitolbu li jagħmlulu u dan proprju bil-għan li ma jsibulux id-droga li kienet fil-pussess tiegħu. Li kieku l-imputat ma kellu xejn illegali fil-pussess tiegħu, huwa ma kienx ikollu għalfejn jagħmel din ir-reżistenza u xenata kollha maż-żewġ uffiċjali tal-pulizija. Kien iħallihom jagħmlu tfittxija bil-kwiet u l-istorja kienet tieqaf hemm. Iżda minflok, waqt li kompla jfixkel it-tfittxija, għamel tentattiv sabiex jeħles mid-droga li kellu fuqu u dan billi remiha fir-ramel, għalkemm din inġabret mill-ewwel minn PC 450. Tqis ukoll illi lanqas ma huwa kredibbli l-imputat, meta jgħid illi f'idejh huwa kellu *party popper* u li dan żammu f'idejh matul din it-taqtigħa kollha. Skont iż-żewġ uffiċjali tal-pulizija, l-imputat beda jimbottahom u jxejjer idejh, spiċċaw ilkoll jissaraw fuq ir-

ramel u finalment sabiex iżommuh u jimmanettjawh kellhom jgħinuhom xi uffiċjali tas-sigurta` tal-post. In oltre wara din it-taqbida kollha, rabtulu jdejh fuq wara permezz ta' *tie clips*. L-imputat u anke Monique Borg jgħidu li b'riżultat ta' dan kollu, l-istess imputat spiċċa b'wiċċu fir-ramel u huwa jgħid ukoll illi tilef il-karkur li kien liebes u anke l-kappell, u anke weġġa' jdejh kif jirriżulta wkoll miċ-ċertifikat rilaxxjat l-għada minn Dr. Attard Bianchardi. Madankollu, ħaġa tal-iskantament, skont l-imputat, minkejja din it-turbulenza kollha, f'idejh baqa' jżomm dan il-*party popper*! Fil-fehma tal-Qorti din il-verżjoni tal-imputat, m'hijiex għajr tentattiv fjakk sabiex jipprova jagħti l-impressjoni illi huwa ma kellux fejn iżomm dan il-*party popper* ħlief f'idejh u dan sabiex konsegwentement jipprova jagħti kredibilita` wkoll lil dik il-parti tal-verżjoni tiegħu fejn huwa jgħid illi huwa ma kellux bwiet u għalhekk ma jistax ikun li kellu d-droga fil-pussess tiegħu. Tqis ukoll il-Qorti li lanqas ma temmen il-verżjoni tal-imputat li huwa ma kienx ġie muri l-borża bid-droga qabel l-interrogatorju tiegħu, għaliex apparti illi PC 450 ġabar din il-borża immedjatament fil-presenza tal-imputat stess, PC 450 jgħid ukoll illi huwa għadda lill-imputat flimkien mad-droga lill-Ispettur Pierre Grech, meta l-imputat ittieħed ġewwa l-vann tal-pulizija. Mhux biss, iżda għalkemm l-imputat isostni illi lilu baqgħu ma qalulux għalfejn kien jinsab arrestat, id-dikjarazzjoni tiegħu tar-rifjut għall-jedd tal-parir legali, għalkemm mhux iffirmatha minnu għaliex skont l-Uffiċjal Prosekutur, l-imputat irrifjuta li jiffirma din id-dikjarazzjoni, tindika wkoll illi huwa kien ġie arrestat in konnessjoni ma' investigazzjoni dwar pussess ta' droga, apparti reżistenza lejn il-pulizija. Il-Qorti għalhekk ma tarax għalfejn għandha temmen lill-imputat meta jgħid illi huwa lanqas biss kien infurmat għalfejn kien jinsab taħt arrest, jew illi huwa kien ra l-borża bid-droga għall-ewwel darba waqt l-interrogatorju tiegħu. L-imputat donnu jrid jagħti l-impressjoni illi PC 450 u PC 279 bħal ħarġu b'din l-istorja wara li kien ġie arrestat!

Irid jingħad ukoll illi dwar il-kwistjoni mqanqla mid-difiża dwar jekk l-imputat kellux but o meno fil-qalziet li kien liebes, apparti li l-Qorti tqis, kif diġa` ngħad illi dak li huwa importanti finalment huwa illi PC 450 ra l-oġġett in kwistjoni f'idejn l-imputat eżattament qabel dan remieh, kif ġie ikkonfermat ukoll minn PC 279, li wkoll ra lill-imputat jarmi xi ħaġa, u mhux minn fejn eżattament inħareġ dan l-oġġett, illi fl-ewwel lok, PC 450 sostna fuq li sostna li l-qalziet li kellu l-imputat żgur kellu but. Dan il-fatt huwa wkoll ikkonfermat minn PC 279 li wkoll isostni li l-imputat ħareġ xi ħaġa mill-but u remiha. Tqis ukoll illi minkejja li l-Qorti temmen ix-xhieda ta' Monique Borg u Keith Pisani u dan fis-sens illi l-imputat kien ħalla l-kartiera u l-*mobile* għand l-istess Borg sabiex iżżomhomlu hi, dan ma jfissirx neċessarjament illi l-imputat għamel dan għax ma kellux but. Issib ukoll pjuttost inverosimili kif tal-inqas ix-xhud Keith Pisani, iżjed minn erba' snin

wara dan l-inċident, jiftakar kemm dak li kien liebes l-imputat, kif ukoll dak li kien liebes hu u b'mod partikolari li l-qalziet tal-imputat ma kellux bwiet, għalkemm imbagħad jgħid ukoll li kien jiftakar x'kien liebes hu għaliex erbat ijiem wara kien ser jagħlaq sninu, raġuni din li l-Qorti baqgħet ma fehmithiex. Mhux biss, iżda l-Qorti tqis ukoll illi a bażi tal-prinċipju sagrosant u kardinali illi min jallega jrid jipprova, kien jispetta lid-difiża sabiex iġġib l-aħjar prova dwar dan il-but jew aħjar, skont hi, in-nuqqas tiegħu, u dan meta jirriżulta ċar mill-provi illi l-Prosekuzzjoni ma kinitx elevat dan il-qalziet u li għalhekk dan baqa' dejjem fil-pussess tal-imputat u ma kien hemm xejn li jimpedih milli jesebih fl-atti tal-kawża.

Għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq magħmula, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni (a) ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-grad li trid il-liġi.

**It-Tieni u t-Tielet Imputazzjonijiet**

Illi jirriżulta ċar mill-provi prodotti illi l-imputat offra reżistenza fil-konfront tal-pulizija meta dawn ġew biex jagħmlulu tfittxija u sussegwentement, biex jarrestawh. Huwa saħansitra l-imputat innifsu illi jikkonferma illi huwa webbes rasu, baqa' jikkustinja mal-pulizija sabiex juruh li huma tali u wara ġie fl-idejn magħhom, meta skont hu, PC 450 'ħabbatlu' xi ħaġa ma' wiċċu u dan meta jirriżulta wkoll illi din il-ħaġa ma kienitx ħlief l-identifikazzjoni ta' PC 450 li tikkonferma li dan kien tassew membru tal-korp tal-pulizija u li PC 450 kien urieh l-istess identifikazzjoni wara li l-imputat stess baqa' jinsisti li dan jurih li kien tassew pulizija.

Dak li jeħtieġ li din il-Qorti tqis u tiddeċiedi dwaru huwa dwar jekk l-aġir tal-imputat jammontax għar-reati, jew xi wieħed mir-reati, li bih huwa jinsab akkużat ai termini tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Dawn ir-reati, mertu tal-Artikoli 95 u 96 tal-Kap. 9 rispettivament, huma żewġ reati separati u distinti minn xulxin.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sean Sinclair Pace** deċiża nhar is-26 ta' Mejju 2016, fejn ġie ribadit kif isegwi dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

*"Illi ma hemmx dubbju illi uħud mill-ingredjenti meħtiega biex jinħmew iż-żewg reati huma identiċi. Dan għaliex dawn ir-reati iridu neċessarjament jiġu kommessi fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku jew ta' persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku. Issa l-appellanti għandu raġun meta jisħaq illi hemm distinzjoni netta bejn dawn iż-żewg reati għalkemm it-tnejn għandhom bħala vittma persuna fil-vesti uffiċjali tagħha.*

*Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-inġurja, it-theddid jew l-offiża fil-konfront ta' l-uffiċjal pubbliku. Issa din l-inġurja, theddida jew offiża trid issir jew (1) filwaqt illi l-uffiċjal pubbliku ikun qed jagħmel servizz pubbliku (2) jew inkella minħabba li ikun għamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-ħsieb li ibeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.*

*Illi l-awturi jagħmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltraġġ fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-liġi. Dana billi meta dan l-oltraġġ isir fil-mument illi l-uffiċjal pubbliku ikun qiegħed jagħti is-servizz ma huwiex neċessarju illi l-inġurja, it-theddida jew l-offiża tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qiegħed jeżercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tiegħu, igħidu:*

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

*Kuntrarjament fiż-żewg istanzi l-oħra irid ikun jiġi ippruvat nexus bejn l-oltraġġ u il-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx ġie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika.*"

Dan ir-reat jeħtieġ ukoll illi jiġi mwettaq fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku jew persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku. Dwar dan il-Professur Mamo jgħallem illi: *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office,* ***provided the offender was aware of his status as such person****."*

Is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002, kienet dwar każ li kien jirrigwarda inċident li l-appellant ossia Zahra kellu ma' ċertu Alistair Bianco, li kien jaħdem bħala *ticket inspector*, meta dan tal-aħħar mar biex juri lill-appellant xi biljetti li, skont hu, ma kinux ħarġu kif imiss lill-passiġġieri li kienu fuq ix-xarabank misjuqa mill-appellant. Skont l-appellant, Bianco kważi ħabbat dawn il-biljetti ma' għajnejh u aggredih, fil-waqt illi skont Bianco, kif appena huwa wera dawn il-biljetti lill-appellant u talbu spjegazzjoni, l-istess appellant qam għalih, tah bil-ponn u beda jsabbtu mas-*seats* tax-xarabank. Il-Qorti qalet hekk f'dan ir-rigward u dwar l-applikazzjoni o meno tal-Artikolu 96 tal-Kap. 9 f'dan il-każ:

*"Dana l-artikolu (b'referenza għall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi <u>għall-ezekuzzjoni tal-ligi</u> jew <u>ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti</u>".*

*Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz". Ghalkemm jista' jinghad li Bianco kien inkarigat minn servizz pubbliku, din il-Qorti ma tarax kif jista' jinghad li billi jiccekkja l-biljetti Bianco kien qed "jezegwixxi l-ligi" jew jezegwixxi "ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Mhux kull min qed iwettaq servizz pubbliku qed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi. Ghalhekk l-appellant ghandu jigi liberat mit-tieni imputazzjoni.*" [sottolinear ta' dik il-Qorti]

Illi kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' April 2017, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Clayton Baldacchino</u>**, huma tlett elementi essenzjali li jsawwru r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9:

"*1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reita taht din id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: "It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith." Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.*

*2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".*

*3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

Hawnhekk il-Qorti rreferiet ukoll għas-sentenza ċitata iżjed 'il fuq fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra**.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll, in kwantu jirrigwarda l-Artikolu 96, illi għalkemm dan l-artikolu ġie emendat bis-saħħa ta' l-Att V tal-2014, liema Att daħal fis-seħħ fis-17 ta' Marzu 2014, dawn l-emendi kellhom biss l-effett li jemendaw il-piena għal tali reati u għalhekk ma seħħet ebda emenda sostantiva li tolqot ir-reat innifsu jew l-elementi tiegħu. Dan qiegħed jingħad in vista tas-sottomissjonijiet tad-difiża fir-rigward. Kwalunkwe piena li tista' tiġi erogata fil-każ ta' sejba ta' ħtija għandha għalhekk tkun dik dettata mill-liġi qabel l-emendi tal-2014, liema piena hija indubitament iktar favorevoli għal persuna misjuba ħatja minn dawk introdotti bis-saħħa ta' l-emendi msemmija.

Illi fil-każ odjern huwa evidenti illi fl-ewwel stadju, kien hemm tentattiv da parti tal-pulizija sabiex jagħmlu tfittxija fuq l-imputat wara li kienu osservaw xi ħaġa suspettuża f'idejh, iżda wara li PC 450 u PC 279 osservawh jarmi oġġett li huma ssuspettaw li kienet droga, huma proċedew għall-arrest tiegħu.  Kif ingħad, għalkemm jista' jkun u huwa wkoll probabbli li l-imputat inħasad x'ħin PC 450 mar biex iżommlu jdejh, biss l-imputat ċertament illi ma kienx ġustifikat li jibqa' jirreżisti fl-ewwel lok, li ssirlu tfittxija u fit-tieni lok, l-arrest tiegħu, wara li PC 450 u PC 279 infurmawh fuq li infurmawh li huma kienu pulizija u anke wrewh l-identifikazzjoni tagħhom.  In oltre jekk l-imputat ma għarafx x'kienet l-identifikazzjoni ta' PC 450, għalkemm wara kollox kien huwa stess li talbu li jurih li huwa pulizija, żgur li ma jistax jingħad li m'għarafx dik ta' PC 279 li wrieh din l-identifikazzjoni xi tliet darbiet.  Għalhekk wara dan kollu, ma jistax jingħad illi l-imputat ma kienx jaf li dawn kienu pulizija, kif lanqas ma jista' jitwemmen li baqa' ma ndunax b'dan.  Skont iż-żewġ uffiċjali tal-pulizija, l-imputat irreżista billi anke mbuttahom u wara li rema l-borża tal-plastik, tant baqa' jirreżistihom li spiċċaw it-tlieta jissieltu fuq ir-ramel, bir-riżultat li ż-żewġ uffiċjali rnexxielhom iżommu lill-imputat u jimmanettjawh biss wara li għenuhom terzi persuni, uffiċjali tas-sigurta` tal-post – ċirkostanzi dawn li juru neċessarjament kemm l-imputat kien qiegħed joffri reżistenza lill-uffiċjali tal-pulizija, liema reżistenza kienet kemm għat-tfittxija fuq il-persuna tiegħu, kif ukoll għall-arrest, u għalhekk waqt li l-istess membri tal-korp tal-pulizija kienu qegħdin jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi.

Fid-dawl tal-insenjament tal-Qrati tagħna dwar l-elementi li jsawwru r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kap. 9, il-Qorti tqis illi dan ir-reat ġie ppruvat fil-grad rikjest mil-liġi u għaldaqstant tqis illi l-imputazzjoni (ċ) tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, għalkemm il-Qorti tinnota wkoll illi kunjom PC 279 ġie erronjament indikat bħala 'Borg' minflok 'Gauci' f'din l-imputazzjoni.  Tqis ukoll madankollu f'dan ir-rigward, illi ma jistax ikun hemm dubju għal min qed

tirreferi din l-imputazzjoni u li fil-fatt dan l-uffiċjal tal-pulizija kien PC 279, kif korrettement indikat fiċ-ċitazzjoni, apparti illi l-uffiċjal tal-pulizija l-ieħor ġie indikat korrettement bħala PC 450 C. Bartolo.

Fermi dawn il-kunsiderazzjonijiet, ma jirriżultax madankollu illi l-imputat hedded, inġurja, jew għamel xi offiża fuq iż-żewġ uffiċjali tal-pulizija u għalhekk ma jirriżultax illi l-imputat wettaq ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kap. 9.

## Ir-Raba' Imputazzjoni

Din l-imputazzjoni tikkontempla r-reat ta' pussess 'sempliċi' tar-raża tal-*cannabis* u dan b'referenza għad-29 ta' Mejju 2011 u l-erba' snin ta' qabel din id-data. La darba skartata l-istqarrija tal-imputat, ma tirriżulta l-ebda prova fl-atti li ssostni din l-imputazzjoni. Anzi huwa evidenti illi din l-imputazzjoni hija bażata unikament fuq l-istqarrija tal-imputat. Għaldaqstant, il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni ma tirriżultax ippruvata.

## Kunsiderazzjonijiet dwar Piena

Għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tieħu in konsiderazzjoni illi l-fedina penali tal-imputat kienet waħda netta fiż-żmien tal-każ odjern. Qed tqis ukoll iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, f'hiex kienet tikkonsisti r-reżistenza tal-imputat għal fini tal-imputazzjoni (ċ) u illi l-ammont tad-droga kokaina kien wieħed minimu, tant illi fir-rigward tal-imputazzjoni (a), tqis ukoll illi għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

## Konklużjoni

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, kif ukoll l-Artikolu 96(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif viġenti fiż-żmien tal-każ odjern, qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni (b) u tar-raba' imputazzjoni (liema imputazzjoni mhijiex immarkata b'numru jew ittra fiċ-ċitazzjoni odjerna) u qegħda tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu ħati tal-imputazzjonijiet (a) u (ċ) u fir-rigward tal-imputazzjoni (a) qed tikkundannah għall-penali ta' ħamsa u disgħin ewro (€95). In oltre fir-rigward tal-imputazzjoni (ċ), fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq magħmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bħala Dok. DT1 hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proces verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta’ din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat